2026/769

8.4.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/769

tas-7 ta' April 2026

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 180/2014 fir-rigward tat-trasferiment tal-ammonti ppjanati fil-Pjan strateġiku tal-PAK għall-iżvilupp rurali fir-reġjuni ultraperiferiċi lill-programmi POSEI għas-sena 2026 u l-verifiki fuq il-post li jridu jitwettqu fl-iskema POSEI u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 181/2014 fir-rigward tal-verifiki fuq il-post li jridu jitwettqu fl-iskema għall-gżejjer minuri tal-Eġew

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) u l-Artikolu 18(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1405/2006 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tal-Artikolu 103(6) tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), l-Istati Membri jistgħu jemendaw il-Pjanijiet strateġiċi tal-PAK tagħhom sabiex jittrasferixxu parti mill-ammonti ppjanati għar-reġjuni ultraperiferiċi tagħhom għall-iżvilupp rurali lill-programmi tal-Programm ta' soluzzjonijiet speċifiċi relatati mal-periferiċità u l-insularità (POSEI, Programme of Options Specifically Relating to Remoteness and Insularity). Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirriflettu tali trasferimenti fil-programmi POSEI għas-sena 2026 fil-ħin, jixraq li tiġi prevista proċedura speċifika li permezz tagħha jkunu possibbli l-emendi ta' dawk il-programmi mingħajr rikors għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 40(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 180/2014 ([4]). Dawk l-emendi jenħtieġ li jkollhom l-għan li jsaħħu l-programmi POSEI, jiġu spjegati u ġustifikati, u jinkludu l-aġġornamenti meħtieġa tat-tabella finanzjarja ġenerali annwali indikattiva u tal-lista ta' għajnuniet li jinkludu pagamenti diretti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 228/2013. Jixraq ukoll li jiġu stabbiliti l-iskadenzi għan-notifiki ta' dawk l-emendi u li jiġi ddeterminat il-perjodu li matulu jridu japplikaw il-miżuri emendati.

([1]) ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/228/oj.
([2]) ĠU L 78, 20.3.2013, p. 41, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/229/oj.
([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 180/2014 tal- 20 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni (ĠU L 63, 4.3.2014, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2014/180/oj).

(2) Jeħtieġ li jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi u li jkun hemm allinjament mal-Artikoli 60 u 72 tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), li jistabbilixxu li l-Istati Membri jridu jiżguraw livell xieraq ta' verifiki u li s-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll stabbiliti mill-Istati Membri jridu jinkludu verifiki sistematiċi. Għalhekk jixraq li jiġi ċċarat li l-verifiki fuq il-post tal-programm POSEI stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 180/2014 u l-verifiki fuq il-post tal-programm għall-gżejjer minuri tal-Eġew stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 181/2014 ([6]), meta xieraq, jistgħu jitwettqu mill-bogħod bl-użu ta' teknoloġiji xierqa, dment li tali verifiki jiżguraw livell ekwivalenti ta' assigurazzjoni bħala verifika mwettqa fuq il-post.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 180/2014 u (UE) Nru 181/2014 jiġu emendati kif xieraq.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar il-Politika Agrikola Komuni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 180/2014

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 180/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 23, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Il-verifiki fuq il-post jistgħu jitwettqu mill-bogħod, bl-użu ta' teknoloġija xierqa, dment li tali verifiki jiżguraw livell ekwivalenti tal-assigurazzjoni bħall-verifiki mwettqa fuq il-post.";

(2) fl-Artikolu 40, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4a. L-Istati Membri jistgħu jemendaw il-programmi POSEI tagħhom għas-sena 2026 mingħajr rikors għall-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1 jekk jemendaw il-Pjan strateġiku tal-PAK tagħhom biex jittrasferixxu parti mill-ammont fil-Pjan strateġiku tal-PAK tagħhom imwarrab għar-reġjuni ultraperiferiċi tagħhom, li hu parti mill-ammont allokat għas-sena finanzjarja għall-iżvilupp rurali 2027 skont l-Anness XI tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) lill-programmi POSEI f'konformità mal-Artikolu 103(6) ta' dak ir-Regolament.

Dawn l-emendi għandhom jiġu deskritti u ġustifikati kif xieraq. Għandhom jinkludu aġġornament tat-tabella finanzjarja ġenerali annwali indikattiva msemmija fl-Artikolu 5, il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 228/2013 kif ukoll lista aġġornata tal-għajnuna li fiha l-pagamenti diretti msemmija fl-Artikolu 19(2), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-emenda mid-data tal-preżentazzjoni tar-rikjesta għall-emenda strateġika tal-Pjan strateġiku tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 103(6) tar-Regolament (UE) 2021/2115 u mhux aktar tard mit-30 ta' Mejju 2026. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru fi 30 jum jekk tqis li l-emendi ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 228/2013, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 53 u 55 tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**). L-emenda tal-programm POSEI ssir applikabbli fi tmiem l-iskadenza ta' 30 jum, jew wara li l-emenda notifikata tiġi kkoreġuta kif xieraq jekk il-Kummissjoni tkun informat lill-Istati Membri bin-nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, dment li l-emenda tal-Pjan strateġiku tal-PAK tkun ġiet approvata qabel.

([5]) Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013, (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 181/2014 tal- 20 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 229/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura favur il-gżejjer minuri fil-Baħar Eġew (ĠU L 63, 4.3.2014, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2014/181/oj).

L-emendi li jikkonċernaw l-appoġġ għall-produzzjoni lokali u l-arranġamenti speċifiċi tal-provvista għandhom japplikaw għall-pagamenti li jsiru lill-benefiċjarji mis-16 ta' Ottubru 2026 sal-15 ta' Ottubru 2027.

(*) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj).

(**) Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013, (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj).".

Artikolu 2

Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 181/2014

Fl-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 181/2014, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Il-verifiki fuq il-post jistgħu jitwettqu mill-bogħod, bl-użu ta' teknoloġija xierqa, dment li tali verifiki jiżguraw livell ekwivalenti tal-assigurazzjoni bħall-verifiki mwettqa fuq il-post.".

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' April 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN